SWIEQI

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IL-HAMES KUNSILL 2007-2012**

**SEDUTA NUMRU 59**

**IT-TNEJN 20 ta' FRAR 2012 FL-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV TAL-KUNSILL FIL-5.00P.M.**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| CARMEN SAID | SINDKU |
| JOSEPH BONELLO | VIĊI SINDKU |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |
| RENE`ROSSIGNAUD | KUNSILLIER |
| GORDON SHEPHARD | KUNSILLIER |

**MILL-KUMITAT AMMINISTRATTIV**

| | |
|---|---|
| MARY ANNE ABELA | VIĊI CHAIRPERSON |

**TALBA**

IS-SINDKU QALET IT-TALBA.

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1. Il-minuti tas-seduta numru 58 ġew approvati. Il-Kunsillier Fenech ippropona u s-Sindku ssekondat.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

**Mill-Kunsillier Alfred Curmi**

1. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx xi risposta mit-Transport Malta dwar ir-rotta l-ġdida fis-Swieqi. Is-Sindku wieġbet li reġa kellha kuntatti ma' l-uffiċjal mill-Awtorita' pero' sa issa għad ma waslitx risposta.

2. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx xi risposta mit-Transport Malta dwar il-ħsarat li saru fis-saqaf tal-bridge fl-entratura tas-Swieqi. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għad ma waslitx risposta.

3. Il-Kunsillier informa b'arblu perikoluż tad-dawl fi Triq il-Miġbed kantuniera ma Triq is-Sirk. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jirraporta lill-Enemalta (Is-Sur Mario Sultana).

4. Il-Kunsillier irraporta ħsarat fil-culverts ta' Triq il-Qasam.

5. Il-Kunsillier informa li hemm il-bżonn ta' tiswija fil-bankina ta' Swieqi Road. Din qegħda tiżloq u tista tkun ta' periklu ghal minn jiffrekwenta iż-żona.

6. Il-Kunsillier staqsa għal rifreskar ta' żebgħa tas-siment taħt il-mini fl-entratura tas-Swieqi informa wkoll dwar tibjid fit-Tennis

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

1. Is-Sindku rrapurtat li saret laqgħa mall-Kumissarju tal-Pulizija dwar l-introduzzjoni ta' CCTV Carmeras fil-lokalita' f' dawk it-toroq qrib ta' Paceville. Din is-sistema ser tiġi introdotta wkoll f' San Ġiljan u Pembroke. 90% ta' l-ispiża ser tkun iffinanzjata mill-EU. Il-Kunsilli ser iħallsu biss 10%. L-applikazzjoni ser issir mill-Kummissarju tal-Pulizija. Wara diskuzzjoni, il-Kunsill talab sabiex is-sistema ssir fl-imsemmija toroq:
Triq is-Sidra, Triq il-Qasam, Triq il-Gejza, Triq il-Miġbed, Triq il-Marbat, Triq l-Ilma, Triq is-Sirk, Triq ta' l-Ibrag u fil-playing field ta' Triq il-Ħemel. Is-Segretarju Eżek. ħa l-inkarigu li jinforma lill-Kummissarju tal-Pulizija dwar dawn it-toroq.

**HUGH ZAMMIT** **CARMEN SAID**
**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**

## V RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA

**Mill-Kunsillier Alfred Curmi**

1. Il-Kunsillier staqsa dwar jekk sarux xi żviluppi dwar meta ser jibdew ix-xogħlijiet fil-ġnien tat-Tennis Court. Is-Sindku nfurmat li l-pjanti l-ġodda diġa ġew sottomessi lill-MEPA pero' għad ma waslitx risposta.

2. Il-Kunsillier faħħar l-olterazzjonijiet ta' sigurta' li saru fil-ġnien tas-Swieqi u staqsa sabiex il-gradi l-ġodda jinżegħu bil-kulur aħdar bħal dawk li qegħdin diġa fil-post, kif ukoll jitwaħħal in-netting.

3. Il-Kunsillier irraporta li l-ispot light ta' taħt il-bridge mhux qed tixgħel.

**Mill-Kunsillier Paul Fenech**

1. Il-Kunsillier irraporta ħsarat fil-kurduna ta' Triq il-Giebja. Hu staqsa sabiex din tissewwa.

**Mill-Kunsillier Rene Rossignaud**

1. Il-Kunsillier irraporta dwar ħsarat fil-vettura ta' resident waqt li kien qed isuq fi Triq il-Marbat. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li jaf bil-kas u diġa għadda d-dokumenti lill-Avukat tal-Kunsill.

**Mill-Kunsillier Mario Fava**

1. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx xi risposta dwar il-loading/unloading fi Triq is-Swieqi u Triq il-Qasam. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dwar dawn ix-xogħlijiet hu kellu laqgħa fuq il-post mas-Sur Josie Brincat uffiċjal mit-Transport Malta pero' sa issa għad ma waslitx risposta.

2. Il-Kunsillier irraporta dwar id-dewmin fil-bdil ta' bozzoz meta dawn jinħarġu. Il-Kunsillier kellem lill-kuntrattur dwar id-dewmin. Dan wiegħed li ser jirranġa s-sitwazzjoni.

3. Il-Kunsillier kellu kuntatti ma' residenti minn Triq il-Keffa. Dawn ilmentaw dwar is-sinjali ġodda u 3 żebra crossings li saru mit-Transport Malta fi Triq il-Keffa. Dawn is-sinjali saru b' konsegwenza tat-Tower Crane li ser jintrema għall-kostruzzjoni ġdida.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## V RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA (jkompli...................)

**Mill-Kunsillier Mario Fava**

Il-Kunsillier irrimarka li dawn is-sinjali saru bla sens u għaldaqstant u talab biex issir laqgħa fuq il-post ma' uffiċjali mit-Transport Malta. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jiffissa din il-laqgħa.

4. Il-Kunsillier staqsa jekk sarux xi kuntatti mar-residenti minn Triq il-Molletta dwar is-siġra fuq il-bankina. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li wieħed mir-residenti ġie l-Kunsill u nforma li ser jagħmel kuntatt ma' sid is-siġra.

5. Il-Kunsillier staqsa jekk il-Kunsill għandux xi informazzjoni dwar il-proġett li Triq il-Keffa, dwar jekk inħarġux il-permessi. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li hu għad ma għandux informazzjoni.

**Mill-Kunsillier Gordon Shephard**

1. Il-Kunsillier staqsa il-possibilta' ta' loading/unloading quddiem l-istabiliment tiegħu fi Triq il-Qasam. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li għal dan trid issir applikazzjoni mit-Transport Malta.

## VI KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETAJU EŻEKUTTIV

1. Is-Segretarju informa dwar il-konferemza ECAU li din is-Sena ser issir fl-Irlanda bejn it-8 u 12 ta' Mejju 2012. Wara diskuzzjoni, il-Kunsill ikkonkluda li jerġa jipparteċipa s-Segretarju bħala kontinwazzjoni kif ukoll is-Sindku elett jew rappreżentant mill-Kunsill il-ġdid.

## VII APPROVAZZJONI TA' XIRI U PAGAMENTI

1. Gew approvati il-pagamenti kollha li dehru fuq l-iskeda tal-pagamenti. Is-Sindku ippropona u l-Kunsillier Mario Fava ssekonda.

**Il-laqgħa spiċċat fit-7.15p.m. u ġie deċiż li l-aġġornament għal nhar it-Tnejn 26 ta' Marzu 2012 fil-5.00p.m.**

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**